IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

# PREMJU għall-ARTI

Linji Gwida u Regolamenti (Ott) 2020

**Il-Kuntest**

Il-Premju għall-Arti huwa ċ-ċelebrazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti tal-kisbiet ewlenin tal-industriji Maltin tal-kultura u l-kreattività. Kif elenkat fl-istrateġija Create2020, l-Premijiet u Unuri ser jagħtu rikonoxximent lil individwi w organizzazzjonijiet li jkunu eċċellaw fil-kontribut tagħhom għall-avvanz tas-setturi tal-kultura u l-kreattività Maltija.

Għaldaqstant, l-għan huwa li, nagħrfu u nippremjaw xogħol eċċellenti u li spikka minn oħrajn u deher għall-ewwel darba matul l-istaġun li għadda u/jew (fil-każ ta' xogħol, artisti u organizzazjonijiet, li diġa kienu innominati jew rebbiegħha tal-Premju għall-Arti) wera żvilupp sinifikanti lejn aktar eċċelenza fil-proċess u żvilupp finali tiegħu.

Il-Premju għal-Arti huwa inizzjattiva tal-Kunsill Malta għall-Arti, taht il-patronċinju tal-E.T. George Vella, President ta' Malta.

**Il-Kategoriji**

Fl-2020 b'kollox hemm 10  kategoriji  differenti ul- premjijiet jingħataw fuq bażi kompettitiva:

| | |
|---|---|
| L-aqwa xogħol għal tfal u żgħażagħ | Best work for young audiences |
| L-aqwa proġett fil-komunità | Best project in the community |
| L-aqwa programm jew staġun artistiku | Best artistic programme or season |
| L-aqwa produzzjoni | Production of the year |
| L-aqwa kisbiet internazzjonali | Best international achievement |
| L-aqwa intrapriża kreattiva | Best creative enterprise |
| L-artist żagħżugħ/a tas-sena | Young artists of the year |
| L-artist tas-sena | Artist of the year |
| Premju għall-innovazzjoni | Innovation award |
| L-Għażla tal-pubbliku | Audience's choice |

Fis-serata jigħataw ukoll tlett Unuri fuq bażi mhux kompettitiva:

| | |
|---|---|
| *Unur għal-Karriera Artistika* | *Lifetime Achievement Award* |
| *Unur għall-Promoturi Kulturali* | *Honour for Cultural Promoters* |
| *Unur għall-Wirt Artistiku* | *Honour for Artistic Legacy* |

*Il-Premju tal-Ambaxxatur għall-Arti ser jingħata darba kull tliet snin. L-Ambaxxatur għall-Arti tal-Kunsill Malti għall-Arti li jmiss ser jiġi appuntat fl-2021.*

## Il-Perjodu ta' Żmien

Il-perjodu ta' eleġibiltà għall-premjijiet huwa bejn l-1 ta' Settembru 2018 u l-31 ta' Settembru 2019. F'każ ta' kategoriji li ser jippremjaw proġetti u produzzjonijiet, jiġu aċċettati biss nominazzjonijiet għal dawk il-proġetti/produzzjonijiet li dehru għall-ewwel darba għall-pubbliku fil-gżejjer Maltin jew Internazzjonalment bejn l-1 ta' Settembru 2018 u t-30 ta' Settembru 2019.

Il-formoli ta' nominazzjoni għall-istaġun 2018/2019 jistgħu jiġu sottomessi bejn l-1 ta' Ottubru u l-15 ta' Novembru 2019 (sa nofsinhar). Applikazzjonijiet għal dan l-istaġun li jitressqu tard ma jiġux aċċettati. Nominazzjonijiet għall-istaġun 2019/2020 jistgħu jitressqu matul is-sena kollha, wara jew waqt li jkunu qed jittellgħu għal pubbliku.

It-tħabbir ta' dawk nominati għall-Premju għall-Arti 2020 se jsir fi Frar 2020 filwaqt li ċ-ċerimonja uffiċjali tal-għoti tal-premjijiet ser issir f'April 2020.

Il-proċess ta' nominazzjonijiet għall-premjijiet huwa bbażat fuq sejħa miftuħa għan-nominazzjonijiet. In-nomizzajonijiet jiġu evalwati minn bord ta' evalwaturi esterni. In-nominazzjonijiet li jidħlu għall-premju L-Għażla tal-Pubbliku ser jgħaddu minn żewġ stadji; shortlisting mill-bord tal-għażla u votazzjoni mill-pubbliku.

Ser inkunu qed nilqgħu nominazzjonijiet għall-unuri li jiġu evalwati minn bord intern.

## IL-KATEGORIJI PREMJI

### 1.L-aqwa xogħol għal tfal u żgħażagħ

Dan il-premju jagħti rikonoxximent lil proġett artistiku ta' eċċellenza li ġie maħluq b'mod speċifiku għal udjenzi żgħar. Il-premju huwa maħsub għal produzzjonijiet li jinvolvu professjonisti kreattivi fil-produzzjoni ta' xogħlijiet artistiċi ta' eċċellenza li jinvolvu lit-tfal u liż-żgħażagħ ta' bejn iż-0 u s-16-il sena.

Il-proġetti nominati jistgħu jkunu proġetti tal-arti, spettakli, kunċerti, esebizzjonijiet, films, xogħlijiet artistiċi interdixxiplinarji u xogħlijiet awdjo-viżivi maħluqa speċifikament għal udjenzi żgħar li l-età tagħhom tvarja bejn iż-0 u s-16 u ppreżentati permezz ta' preżentazzjoni pubblika u/jew fl-iskejjel.

***Dawk nominati jistgħu jkunu proġetti mmexxija minn individwi, gruppi, organizzazzjonijiet indipendenti jew entitajiet pubbliċi. Sabiex wieħed isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu għal dan il-premju, min jagħmel in-nomina għandu jikkonsidra u jirrispondi l-mistoqsijiet li ġejjin:***

- Ix-xogħol laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fil-livelli artistiċi u ta' produzzjoni?
- Ix-xogħol nominat qala' kritika prożittiva?
- Ix-xogħol propost huwa addattat għall-udjenza li maħsuba għalih?
- Jekk relevanti, ix-xogħol ippropona kollaborazzjonijiet importanti u sinifikanti ma' artisti, entitajiet u/jew imsieħba oħra?
- Ix-xogħol propost kien ta' kontribut għall-iżvilupp tal-arti għall-udjenzi żgħar?
- B'mod jew ieħor, ix-xogħol propost kien ta' kontribut fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Create 2020 tal-Kunsill Malti għall-Arti? (Strategy Create 2020)

**2.L-aqwa proġett fil-komunità**

Dan il-premju huwa ddisinjat sabiex jinkoraġġixxi, jonora u jippromwovi l-eċċellenza fi proġetti artistiċi mal-komunitajiet. Il-premju jiffoka b'mod partikolari fuq l-involviment soċjali inizjat permezz tal-arti, l-iskambju soċjali u kulturali, l-inklużjoni u l-proċess ta' parteċipazzjoni kreattiva.

Il-proġetti proposti jistgħu jkunu proġetti tal-arti, spettakli, kunċerti, esebizzjonijiet, films, xogħlijiet artistiċi interdixxiplinarji u xogħlijiet awdjo-viżivi maħluqa speċifikament ma' u għall-komunità.

**Sabiex wieħed isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu għal dan il-premju, min jagħmel in-nomina għandu jikkonsidra u jirrispondi l-mistoqsijiet li ġejjin:**

- Ix-xogħol laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fil-livelli artistiċi u ta' produzzjoni?
- Ix-xogħol nominat qala' biżżejjed kritika prożittiva?
- Ix-xogħol propost huwa addattat għall-udjenza maħsuba għalih?
- Ix-xogħol ippropona kollaborazzjonijiet relevanti u sinifikanti bejn artisti varji kif ukoll mal-komunità?
- Ix-xogħol kellu impatt fil-livell tal-komunità lokali?
- Ix-xogħol propost kien ta' kontribut għall-iżvilupp tal-komunità involuta?
- B'xi mod jew ieħor, ix-xogħol propost kien ta' kontribut fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Create 2020 tal-Kunsill Malti għall-Arti? (Strategy Create 2020)

**3.L-aqwa programm jew staġun artistiku**

Dan il-premju jirrikonoxxi lill-aqwa programm artistiku ppreżentat matul is-sena f'termini ta' kwalità tax-xogħol propost, l-impatt tiegħu fuq is-settur artistiku, fuq livell nazzjonali, u l-kritika li qala' b'mod ġenerali.

Il-programmi nnominati jistgħu jkunu festivals, programmi artistiċi marbuta b'mod speċifiku ma' postijiet partikolari jew programmi proposti minn organizzazzjonijiet jew entitajiet kulturali pubbliċi, NGOs kulturali, kumpaniji u/jew għaqdiet li jsiru bejn Settembru 2018 u Settembru 2019.

**Sabiex wieħed isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu għal dan il-premju, min jagħmel in-nomina għandu jikkonsidra u jirrispondi l-mistoqsijiet li ġejjin:**

- Il-programm laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fil-livelli artistiċi u ta' produzzjoni?
- Il-programm nominat qala' biżżejjed kritika prożittiva?
- Il-programm nominat ġibed l-attenzjoni tal-udjenzi li kienu xhieda tax-xogħol propost?
- Jekk relevanti, ix-xogħol ippropona kollaborazzjonijiet relevanti u sinifikanti ma' artisti, entitajiet u/jew imsieħba oħra?
- Il-programm ħalla impatt fuq l-ekoloġija nazzjonali kreattiva?
- B'xi mod jew ieħor, il-programm kien ta' kontribut fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Create 2020 tal-Kunsill Malti għall-Arti? (Strategy2020)

**4.L-aqwa produzzjoni tas-sena**

Dan il-premju jirrikonoxxi l-aqwa produzzjoni artistika li ġiet preżentata matul is-sena f'termini ta' kwalità tax-xogħol, l-impatt tagħha fuq is-settur tal-arti kemm fuq livell nazzjonali u, jekk relevanti, dak internazzjonali kif ukoll il-kritika inġenerali li qala'.

Il-proġetti proposti jistgħu jkunu proġetti artistiċi, spettakli, kunċerti, esebizzjonijiet, films, xogħlijiet artistiċi interdixxiplinarji u xogħlijiet awdjo-viżivi ppreżentati bi kwalunkwe mod ta' preżentazzjoni pubblika.

**Sabiex wieħed isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu għal dan il-premju, min jagħmel in-nomina għandu jikkonsidra u jirrispondi l-mistoqsijiet li ġejjin:**

- Ix-xogħol laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fil-livelli artistiċi u ta' produzzjoni?
- Ix-xogħol nominat qala' biżżejjed kritika pożittiva?
- Jekk relevanti, ix-xogħol ippropona kollaborazzjonijiet relevanti u sinifikanti ma' artisti, entitajiet u/jew imsieħba oħra?
- Ix-xogħol nominat ipprovda opportunitajiet għal żvilupp artistiku lill-artisti u lill-kontributuri involuti?
- Ix-xogħol ħalla impatt fuq l-ekoloġija kreattiva nazzjonali?
- B'xi mod jew ieħor, ix-xogħol kien ta' kontribut fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Create 2020 tal-Kunsill Malti għall-Arti? (Strategy2020)

**5.L-aqwa intrapriża kreattiva**

Dan il-premju jfittex li jagħraf l-intrapriża kreattiva li kisbet l-aqwa riżultati f'numru ta' oqsma bħas-sostenibbiltà, it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien ta' impjiegi, il-kollaborazzjoni ma' intrapriżi f'setturi oħra, l-aċċess għal swieq nazzjonali u internazzjonali ġodda, id-diversifikazzjoni tar-riżultati kreattivi tagħha u l-iżvilupp ta' prodott jew servizz innovattiv u kreattiv.

Kumpaniji rreġistrati fil-gżejjer Maltin biss jistgħu jiġu nnominati.

**Sabiex wieħed isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu għal dan il-premju, min jagħmel in-nomina għandu jikkonsidra u jirrispondi l-mistoqsijiet li ġejjin:**

- In-negozju wera sinjali ta' sostenibbiltà fl-ifformar ta' sistemi ta' rkupru matul iż-żmien f'termini finanzjarji, riskji soċjali u ambjentali, obbligazzjonijiet u opportunitajiet?
- In-negozju ħoloq valur ekonomiku u kien ta' kontribut għal ekosistemi b'saħħithom?
- In-negozju wassal għal tkabbir ekonomiku u żieda fl-impjiegi?
- In-negozju kien ta' kollaborazzjoni ma' intrapriżi oħra kemm fis-settur tas-CCS (?) u setturi industrijali u ekonomiċi oħra?In-negozju rriċerka u żviluppa prodotti kreattivi u innovattivi ġodda jew servizzi maħsuba biex ikabbru s-sehem preżenti li għandhom fis-suq?
- In-negozju pprova jidħol fi swieq ġodda?
- In-negozju ddiversifika l-prodott jew is-servizz tiegħu bil-għan li jżid is-sehem tiegħu fis-suq jew biex joffri servizz/jaċċessa industrija jew suq li ma jinsabx fihom bħalissa billi jikseb ħiliet ġodda u għarfien fl-iżvilupp tal-prodott/servizz kif ukoll ideat ġodda fuq l-andament tas-suq?
- B'xi mod jew ieħor, in-negozju kien ta' kontribut fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Create 2020 tal-Kunsill Malti għall-Arti? (Strategy2020)

**6.L-aqwa kisbiet internazzjonali**

Dan il-premju jiċċelebra l-aqwa xogħol minn artisti Maltin jew minn artisti bbażati f'Malta jew barra li wrew ħeġġa straordinarja sabiex jingħelbu ċerta ostakli fil-bini ta' elementi internazzjonali li jgħaqqdu. Dan il-premju jfittex li jagħraf artist/a/i li, minkejja l-ostakli kollha, irnexxielhom jidħlu fl-isfera internazzjonali u kisbu suċċess internazzjonali matul is-sena li għaddiet.

Il-proġetti proposti jistgħu jkunu proġetti artistiċi, spettakli/kunċerti/esebizzjonijiet ta' darba, turs, films, xogħlijiet artistiċi interdixxiplinarji, proġetti b'kollaborazzjoni internazzjonali u xogħlijiet awdjo-viżivi ppreżentati bi kwalunkwe forma ta' preżentazzjoni pubblika fuq livell internazzjonali matul il-perjodu ta' eleġibilità.

**Sabiex wieħed isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu għal dan il-premju, min jagħmel in-nomina għandu jikkonsidra u jirrispondi l-mistoqsijiet li ġejjin:**

- Ix-xogħol propost laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fil-livelli artistiċi u ta' produzzjoni?
- Ix-xogħol qala' kritika pożittiva sinifikanti fuq bażi internazzjonali u kellu impatt importanti fuq l-arti permezz tal-preżentazzjoni pubblika?
- Ix-xogħol involva l-kollaborazzjoni ma' artisti/pjattaformi internazzjonali oħra, li saħħew ir-relazzjonijiet internazzjonali?
- L-artist/a/i li mexxew ix-xogħol urew innovazzjoni u viżjoni u rnexxielhom jidħlu fi swieq internazzjonali ġodda?
- B'xi mod jew ieħor, ix-xogħol kien ta' kontribut fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Create 2020 tal-Kunsill Malti għall-Arti? (Strategy2020)

### 7.L-artist żagħżugħ/a tas-sena

Il-premju tal-artist żagħżugħ/a tas-sena jagħraf lill-prattikanti żgħażagħ li spikkaw waqt il-formazzjoni artistika tagħhom, u artisti li l-kisbiet u l-impenn tagħhom iddistingwewhom matul is-sena.
Din il-kategorija tista' tikkonsidra individwi jew grupp. Fil-każ ta' sottomissjonijiet għal grupp, il-maġġoranza tal-artisti jrid ikollhom bejn it-13 u t-30 sena.

L-età eliġibbli għal dan l-unur hija dik bejn it-13 u t-30 sena (sal-aħħar tas-sena 2019).

**Sabiex wieħed isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu għal dan il-premju, min jagħmel in-nomina għandu jikkonsidra u jirrispondi l-mistoqsijiet li ġejjin:**

- L-artisti żgħażagħ produċew xogħol ta' eċċellenza li qala' kritika pożittiva matul is-sena li għaddiet?
- L-artisti żgħażagħ urew evidenza ta' viżjoni artistika ċara u potenzjal għal aktar eċċellenza?
- L-artisti żgħażagħ kisbu l-attenzjoni ta' udjenzi li raw ix-xogħol tagħhom?
- L-artisti żgħażagħ urew l-abbiltà li jkunu ta' ispirazzjoni u jservu bħala mudell għal artisti oħra?
- B'xi mod jew ieħor, l-artisti kienu ta' kontribut fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Create 2020 tal-Kunsill Malti għall-Arti?  (Strategy2020)

### 8.L-artist tas-sena

Dan il-premju jirrikonoxxi lill-artist li spikka l-aktar fuq bażi tal-kwalità tax-xogħol f'termini ta' preżentazzjoni u eżekuzzjoni, impatt fuq is-settur tal-arti u l-kritika inġenerali. Il-premju jirrikonoxxi lill-artist, li permezz tax-xogħol tiegħu/tagħha, tbiegħed mill-parametri artistiċi tradizzjonali sabiex ikun ta' kontribut għall-avvanz tal-arti fil-gżejjer Maltin permezz ta' kwalunkwe forma tal-arti matul is-sena li għaddiet.

Din il-kategorija tista' tikkonsidra individwi jew għaqdiet indipendenti. Entitajiet pubbliċi mhumiex eleġibbli li jiġu nnominati għal dan il-premju.

**Sabiex wieħed isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu għal dan il-premju, min jagħmel in-nomina għandu jikkonsidra u jirrispondi l-mistoqsijiet li ġejjin:**

- L-artist ipproduċa xogħol li qala' kritika pożittiva sinifikanti matul is-sena li għaddiet?
- L-artist kiseb l-attenzjoni tal-udjenza li rat ix-xogħol tiegħu/tagħha?
- L-artist ikkollabora ma' artisti oħra minn ġeneri ta' forom ta' arti oħra sabiex joħolqu xogħol ġdid li jiġi kkonsidrat ta' suċċess sew jekk l-għan tax-xogħol kien għal skop ta' riċerka jew bħala prodott finali?
- L-artist kellu impatt fuq il-komunità tal-arti nazzjonali?
- B'xi mod jew ieħor, l-artisti kienu ta' kontribut fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Create 2020 tal-Kunsill Malti għall-Arti? (Strategy2020)

**9.Il-premju l-Għażla tal-Pubbliku**

Dan il-premju ser jirrikonoxxi l-aqwa produzzjoni artistika tas-sena ibbażata fuq l-opinjonijiet u l-esperjenzi tal-udjenza. Il-pubbliku huwa mistieden li jinnomina dik il-produzzjoni li jaħseb li ħaqqha l-aktar, f'termini ta' kwalità, impatt u esperjenza pożittiva.

Wara n-nominazzjoni, il-proġetti jgħaddu minn żewġ stadji:
L-ewwel stadju: issir shortlisting minn bord ta' professjonisti. Matul il-lejla tan-nominazzjonijiet, fi Frar 2020, jitħabbru l-ħames proġetti magħżula li mbagħad jgħaddu għat-tieni stadju.

It-tieni stadju: votazzjoni tal-pubbliku, permezz ta' votazzjoni onlajn.

**Sabiex wieħed isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu għal dan il-premju, min jagħmel in-nomina għandu jikkonsidra u jirrispondi l-mistoqsijiet li ġejjin:**

- Ix-xogħol laħaq l-ogħla livelli ta' eċċellenza fil-livelli artistiċi u ta' produzzjoni?
- Ix-xogħol propona kunċett artistiku innovattiv?
- Ix-xogħol nominat qala' kritika pożittiva sinifikanti?
- Jekk relevanti, ix-xogħol ippropona kollaborazzjonijiet sinifikanti ma' artisti, entitajiet u/jew imsieħba oħra?
- Ix-xogħol kien jinvolvi lill-udjenza maħsuba għalih?
- L-artist jew ix-xogħol ħalla impatt fuq l-ekoloġija kreattiva tal-komunità nazzjonali jew lokali?
- B'xi mod jew ieħor, l-artisti kienu ta' kontribut fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Create 2020 tal-Kunsill Malti għall-Arti? (Strategy2020)

**10.Unur għall-Innovazzjoni**

Dan il-premju jirrikonoxxi l-proġett artistiku l-aktar innovattiv tas-sena bbażat fuq il-metodoloġija tar-riċerka, l-implimentazzjoni, l-apparenza u r-rappreżentazzjoni. Il-premju jirrikonoxxi proġetti li permezz tal-użu innovattiv ta' kunċetti u prattika marru lil hinn mill-paramentri artistiċi tradizzjonali u kienu ta' kontribut għall-avvanz tal-arti.

Proġetti proposti jistgħu jkunu proġetti artistiċi, spettakli, kunċerti, esebizzjonijiet, films, xogħol artistiku interdixxiplinarju, xogħol diġitali u xogħol awdjo-viżiv.

**Sabiex wieħed isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu għal dan il-premju, min jagħmel in-nomina għandu jikkonsidra u jirrispondi l-mistoqsijiet li ġejjin:**

- Ix-xogħol ippropona approċċ innovattiv fil-metodoloġija permezz tar-riċerka, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proġett?
- Permezz tal-proġett, l-artist jew l-artisti sperimentaw b'mezzi tax-xandir u teknoloġiji ġodda fil-qasam tal-arti?
- Il-proġett serva ta' katalist, li wassal għal proċessi u produzzjoni innovattivi fil-qasam tal-arti?
- Il-proġett ippermetta li jiġu stabbiliti netwerks u alleanzi ġodda bejn aġenti kreattivi u soċjali differenti?
- B'xi mod jew ieħor, ix-xogħol kien ta' kontribut fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Create 2020 tal-Kunsill Malti għall-Arti? (Strategy2020)

## KATEGORIJI UNURI

### 1.Unur għall-karriera artistika

Dan l-unur ser jirrikonoxxi lil individwi, li, matul il-karriera tagħhom/taw kontribut kreattiv sinifikanti għas-settur kulturali u kreattiv Malti.

Il-pubbliku huwa mistieden li jinnomina lil dik il-persuna li jaħseb li jistħoqqilha l-aktar f'termini tal-kriterji għall-unur imniżżla hawn isfel. Ladarba jiġu nnominati, il-persuni nominati jiġu evalwati minn bord intern. Il-bord jirriserva d-dritt li jinnomina rebbieħ f'każ li l-ebda persuna minn dawk nominati ma tikkwalifika skont il-kriterji ta' nominazzjoni.

Għal dan il-premju jistgħu jiġu nnominati biss individwi.

### 2.Unur għall-Promoturi Kulturali

L-Unur għall- Promuturi fl-Arti, ser jirrikonoxxi individwi, gruppi jew organizzazzjonijiet li ħallew marka sinifikanti fis-settur kreattiv lokali u / jew internazzjonali. Dawk li jingħataw l-għotja huma dawk li fil-kapaċità personali jew professjonali tagħhom xprunaw, influwenzaw, iffinanzjaw u ħallew impatt pożittiv fuq l-ekoloġija kreattiva nazzjonali u / jew internazzjonali.

### 3.Unur għall-Wirt Artistiku

L-Unur għall-Wirt Artistiku ser jirrikonoxxi individwi, gruppi jew organizzazzjonijiet li jippromwovu l-wirt kulturali Malti permezz tal-attivitajiet tagħhom Dawk li jingħataw il-premju huma individwi jew organizzazjonijiet li ppromwovu valuri soċjali, tradizzjonijiet, drawwiet, prattika u estetika li jenfasizzaw il-kultura Maltija u żammu t-tradizzjoni fil-qalb tal-attivita' tagħhom.

### Nominazzjonijiet

Il-formola tan-nominazzjonijiet tinsab fuq is-sit **premju.mt**

Għal nominazzjonijiet għall-istaġun 2018/2019 imla l-formola ta' applikazzjoni onlajn u ressaqha sa nofsinhar tal-15 ta' Novembru. Formoli mibgħuta wara l-iskadenza għall-istaġun 2018/2019 ma jiġux ikkunsidrati. In-nomini għall-istaġun 2019/2020 se jintlaqgħu matul is-sena kollha. It-tim tal-Premju għall-Arti se jkun qed jipproċessa l-applikazzjonijiet u jikkuntattja lill-artist jew lill-produttur tax-xogħol innominat, il-persuni nominati jistgħu jirrifjutaw jew jaċċettaw in-nomina tagħhom billi jissottomettu d-dokumentazzjoni mitluba (Apendiċi A).

In-nominazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi minn individwi Maltin jew dawk li jgħixu Malta, organizzazzjonijiet kif ukoll entitajiet pubbliċi u/jew privati, jiddependi mill-kategoriji. Nominazzjonijiet ta' persuni nfushom huma aċċettati wkoll. In-nominazzjonijiet iridu jkunu : individwi, organizzjonijiet, entitajiet pubblici u/jew privati, kemm li huma Maltin jew barranin residenti Malta. F'każ ta' gruppi jew għaqdiet, dawn għandhom ikunu prinċiparjament ibbażati u joperaw fil-gżejjer Maltin.

Fil-każ ta' kategoriji 1, 2, 3, 4, 6 u 9 u 10, ix-xogħol propost jista' jkun oriġinali jew addattatament. Għal xogħlijiet li huma bbażati fuq/ jew addattati minn parti minn xogħol jew xogħol sħiħ, għandhom jiġu sottomessi d-dokumenti relevanti ta' lliċenzjar u awtorizzazzjoni flimkien mal-formola tan-nominazzjoni. Impjegati tal-kunsill responsabbli mill organizzazzjoni ta' Premju ghall-Arti ma jistgħux jinnominaw persuni u/jew lilhom infushom għall-unuri. Filwaqt li jekk membri fil-bord tal- aġġudikazzjoni jinnominaw jew b'xi mod ikunu involuti ma roġetti jew persuni innominati dawn ma jistghux jaġġudikaw dik il-kategorija.

F'każ tal-Unuri, il-ġurija tirriserva d-dritt li tinnomina individwi, jekk in-nominazzjonijiet li tirċievi ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kategorija.

Kwalunkwe mistoqsija fuq il-proċess ta' nominazzjoni u/jew l-Unuri għandha tintbagħat lil awards@artscouncilmalta.org.

### Il-proċess ta' għażla

Il-formoli kollha ta' nominazzjonijiet jiġu evalwati skont il-kriterji u l-mistoqsijiet stabbiliti, kif indikat hawn fuq. Għal kategoriji 1 sa' 10 Il-formoli eliġibbli jiġu assessjati minn Ġurija komposta minn evalwaturi esterni u interni. Il-membri tal-Ġurija jiġu magħżula fuq il-bażi tal-esperjenza professjonali tagħhom marbuta mal-kategoriji u l-forom ta' arti speċifiċi. Membri tal-ġurija jistgħu jassessjaw aktar minn kategorija waħda. Għall-Unuri l-formoli eliġibbli jiġu assessjati minn Ġurija komposta minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti. Membri tal-ġurija jistgħu jassessjaw aktar minn kategorija waħda.

Is-sottomissjonijiet kollha jingħataw marka mill-Ġurija. Sabiex is-sottomissjoni tikkwalifika għal premju, din għandha tikseb minn tal-anqas 60 marka. F'każ ta' sottomissjoni waħda għal kategorija speċifika, is-sottomissjoni xorta waħda trid tikseb il-marka minima biex tikkwalifika għall-pemju. F'każ li nominazzjoni waħda biss minn dik il-kategorija speċifika tikseb il-marka minima ta' 60, is-sottomissjoni tkun ir-rebbieħ awtomatiku ta' dik il-kategorija.

F'każ li żewġ sottomissjonijiet jew aktar jiksbu l-istess ammont ta' marki li jistgħu jħallu impatt fuq l-ordni tan-nominazzjonijiet fl-istadju ta' evalwazzjoni, l-evalwaturi jiġu mistiedna biex jerġgħu jassessjaw mill-

ġdid is-sottomissjonijiet u tiġi stabbilita ordni ġdida ta' gradazzjoni. Dan il-proċess jista' jibqa' jirrepeti ruħu sakemm tiġi stabbilita l-lista finali.

Il-ħames sottomissjonijiet bl-ogħla marki f'kategoriji 1 sa 10 jiġu mħabbra matul il-Lejla tan-Nominazzjonijiet. Fl-eventwalità li jkun hemm nominazzjoni waħda f'kategorija speċifika, din in-nominazzjoni ma titħabbarx matul il-lejla tan-nominazzjonijiet iżda titħabbar direttament waqt iċ-ċerimonja tal-għoti tal-unuri. Nominazzjonijiet għall-Unuri ma jiġux imħabbra matul il-lejla tan-Nominazzjonijiet. In-nominazzjoni bl-ogħla marka f'kull kategorija mbagħad tiġi mħabbra bħala r-rebbieħ matul il-Lejla tal-Unuri f' April 2020.

Ma tinħareġ l-ebda informazzjoni fuq il-proċess tal-għażla qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati. Kwalunkwe forma ta' sollecitazzjoni tiskwalifika b'mod awtomatiku lin-nominazzjoni. Kull informazzjoni li jirċievu l-Kunsill Malti għall-Arti, kwalunkwe koordinatur appuntat u l-Ġurija hija kkonsidrata bħala kunfidenzjali, kemm matul kif ukoll wara l-proċess ta' evalwazzjoni.

## It-Trofew

Matul il-Lejla 'Premju ghall-Arti', ir-rebbieħa jiġu ppreżentati bi trofew prestiġjuż tal-Kunsill Malti għall-Arti kkreat u żviluppat mill-artist Kane Calì.

## Ilmenti

L-ilmenti kollha huma trattati b'mod kunfidenzjali.

Persuni li jinnominaw jew dawk li jiġu nnominati jistgħu jagħmlu lment fuq anomaliji fil-proċedura u fuq irregolaritajiet matul il-proċess ta' sottomissjoni u ta' evalwazzjoni f'termini tal-proċeduri stipulati f'dawn il-Linjigwida u Regolamenti. **Ma jistgħux** isiru lmenti fuq :

- Il-politika u l-proċedrui tal-Kunsill Malti għall-Arti jew il-Gvern ta' Malta
- Il-merti tan-nominazzjonijiet f'termini ta' kriterji stipulati f'dawn il-Linjigwida u Regolamenti. Min jinnomina u min jiġi nnominat biss jista' jressaq ilment fuq in-nominazzjonijiet.

*Kif tressaq ilment*

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u għandhom ikunu kemm jista' jkun ċari. L-ilment għandu jsemmi fuq liema bażi u r-raġunijiet tal-ilment, jagħti spjegazzjoni u ġustifikazzjoni dettaljata imsaħħaħ bid-dokumentazzjoni jew xhieda relevanti dwar għaliex l-ilment jikkonferma li saru xi irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulati f'dawn il-Linjigwida u r-Regolamenti jew fir-regoli u r-regolamenti ta' governanza ġusta fis-settur pubbliku. Id-deċiżjoni li tittieħed mat-tmiem tal-proċess tal-ilment tkun dik finali. L-ilmenti għandhom jiġu indirizzati lid-Direttur ta' Steateġija u Fondi fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti fi żmien ħamest (5) ijiem xogħol minn meta tittieħed id-deċiżjoni. Normalment, tirċievi risposta għall-ilment tiegħek fi żmien għaxart (10) ijiem xogħol mingħand id-Direttur tal-Istrateġija u Fondi.

F'każ li ma tkunx sodisfatt bir-risposta, il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar Bord li jiddiskuti aktar l-ilment tiegħek. Jekk tagħżel li tuża l-proċedura tagħna tal-ilmenti, tkun qed taċċetta li aħna nkunu nistgħu nużaw l-informazzjoni fuq in-nominazzjoni tiegħek sabiex inkunu nistgħu nindirizzaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-Bord hija waħda finali.

## Ikkuntattjana

Għal aktar informazzjoni, tista' ċċemplilna fuq 23397019 jew tibgħatilna email fuq awards@artscouncilmalta.org.

**Apendiċi A**

Dokumentazzjoni mitluba sabiex tikkonferma in-nomina tiegħek

**Nominat:** ________________________________
*f'każ ta' produzzjonijiet dawn għandhom ikunu id-detenturi tad-dritt tal-propjeta' intelletwali.*

**Imejl:** ________________________________

**Mowbajl:** ________________________________

**Ħarsa generali ta-xogħol, proġett jew staġun nominat:**
*Jekk qed tinnomina Artisti għall-Artist tas-Sena jew Artist Żagħżugħ/a tas-Sena ehmeż biografija tal-artist.*

**Għaliex għandek tiġi kkunsidrat għal dan il-premju?**
*Jekk jogħġbok ikkonsidra l-mistoqsijiet imniżżla f'din il-kategorija fil-Linjigwida u Regolamenti*

**Agħti *links* relevanti għar-rispons li rċievew l-artisti jew xogħol nnominat, id-dokumentazzjoni awdjo-viżiva tal-proġett sħiħ (kif ukoll kwalunkwe password relevanti biex wieħed ikun jista' jaċċessa dawn il-links), u materjal ieħor relevanti.**

Sabiex tiġi ikkunsidrat għan-nomina, ibgħat din il-formola lil awards@artscouncilmalta.org fi żmien 15-il jum min-notifikatal-Kunsill Malti għall-Arti.